**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 267/2017 AGV;</u>**

**DA**

**Vs**

**AA**

Il-Qorti;

Rat ir-RIKORS GURAMENTAT ta' DA , datat 1 ta' Dicembru 2017;

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu tiddikjara illi jaf il-fatti suesposti di xienza propia:**

1. Illi l-kontendenti zzewgu gewwa r-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) liema zwieg gie rregistrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, u dan kif evidenzjat mid-Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A konsistenti fic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett (3) ulied, li prezentzment ghadhom ilkoll minoreni u cioe' V, An. u R, ilkoll ahwa A. dan ukoll kif evidenzjat mic-certifikati tat-twelid taghhom hawn annessi u komplessivament mmarkat bhala Dok B;

3. Illi sfortunatament l-intimata rrendiet l-hajja matrimonjali ta'bejn il-kontendenti impossibbli, u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni;

4. Illi ghall-intimata dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, sabiex tkun tista tibqa' tirresjed gewwa Malta;

5. Illi fost affarijiet ohra, l-istess konvenuta rreddiet ruhha hatja ta' ingurji, eccessi u sevizzi fil-konfront tar-rikorrenti, filwaqt li jidher illi hija qatt ma fehmet ir-responsabiltajiet taghha ta' mara mizzewga fil-konfront ta' zewgha u dan anke fejn jidhol ir-rwol taghha ta' omm;,

6. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti, permezz tad-Digriet appositu ta' din l-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema Digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok C;

**GHALDAQSTANT** ir-rikorrenti fuq imsemmija bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha , prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna:

I. **TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA** s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata anke kif fuq spjegat, u konsegwentament **TAWTORIZZA** lir-rikorrenti jghix separatament minn ma martu l-intimata, u dan flimkien ma' uliedha;

II. **TORDNA** U b'hekk **TAFDA** l-kura u l-kustodja tal-minuri ahwa A u cioe' V , An. u R , esklussivament f'idejn lir-rikorrenti attur, u b'hekk TORDNA illi l-i9stess minuri ghadhom jirrisjedu biss mar-rikorrenti, U DAN FL-INTERESS SUPREM TA' L-ISTESS TLIETT ULIED MINURI;

III. **TIFFISSA** access xieraq lill-intimata, ghat-tlett (3) uliedha minuri, u dan tenut kont kemm tal-impenji tal-minuri, kif ukoll tax-xewqa taghhom;

IV. **TILLIKWIDA U TIFFISA** manteniment xieraq ghall-ulied tal-partijiet , pagabbli lir-rikorrenti stess, mill-intimata, u dan JEW sakemm l-ulied jaghlqu l-eta ta' tmintax (18)- il sena, jew isibu mpjieg full time, JEW sal-eta ta' tlieta u ghoxrin sena jekk jibqghu jistudjaw, jew sakemm jieqfu jistudjaw fuq bazi full time, u dan skond ic-cirkostanzi vigenti f'dak iz-zmien; u f'kaz illi l-ulied jew min minnhom ma jibqghux jghixu mar-rikorrenti, izda jistabilixxu residenza ohra filwaqt illi jibghu jistudjaw full time **TORDNA** lill-intinata tghaddi s-somma ta manteniment stabbilita direttament lil uliedha jew min minnhom u dan b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika skond l-gholi tal-hajja;

V. **TORDNA** illi l-manteniment hekk iffissat, jigi mnaqqas direttament mill-introjtu tal-intimata jew minn kwalsiasi beneficcju socjali li hija tista tkun tavolta qed jirricevi;

VI. **TORDNA** lil intimata sabiex thallas nofs l-ispejjez kollha tas-sahha u l-edukazzzjoni tat tlett uliedhom minuri;

VII. **TAPPLIKA** kontra l-intimata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51 u 52 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli , inkluz l-ordni li hija titlef kull dritt li tiret lil zewgha;

VIII. **TIDDECIEDI U TIDDIKJARA** illi l-propjeta fl-indirizz 26, I-Merill Triq il-Menhir, Marsaskala, tigi esklussivament assenjata lir-rikorrenti DA , in piena propjeta u dan kemm in vista tas-suespost, kif ukoll in vista tal-fatt illi effettivament u fir-realta din ma hijiex il-propjeta tal-kontendenti, izda ta' missier ir-rikorrenti DA , cioe ta

E A u dan stante illi dan kien kaz ta simulazzjoni ta bejgh, fejn il-kontendenti partijiet qatt ma akkwiataw din d-dar minghand Eugenio Agius, u dan kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni u s-smiegh tal-provi f'din il-kawza;

IX. Illi fin-nuqqas , u cioe' f'kaz bis silli t-talba enumerata vii ma tigix milqugha , **TORDNA** illi fic-cirkostanzi, r-rikorrenti ghandu jibqa' jirresjedi fl-istess fond ad eskluzjoni tal-intimata martu;

X. **IXXOJLI U TILLIKWIDA** l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, fid-dawl ta' dak appena suespost , taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux ugwali, fid-dawl tal-fatt illi l-intimatat hija hatja ghas-separazzjoni personali, u dan ukoll billi tigi stabbilita data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti u **TASSENJA** porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimata ope sententiam fil-waqt li tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacia tal-intimata fuq l-istess att, f'kaz illi l-istess intimata tonqos milli tottempora ruhha ma l-ordnijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

XI. **TIDDIVIDI** l-gid komuni tal-kontendenti li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara anke li terga tqies il-fatt illi z-zwieg tkisser tort ta' l-intimata;

XII. **TORDNA** lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali tieghu, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li

l-intimata taghmel dan **TIKKUNDANNAHA** thallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata occorrendo bl-opera ta periti nominandi rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

XIII. **TAGHTI** kull provvediment iehor xierqa u opportun.

**BL-ISPEJJIEZ** inkluzi dawl tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentat ta' AA**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiddikjara:-

1. Illi hija taqbel mar-rikorrenti għat-talba tas-separazzjoni personali dawn mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lir-rikorrenti kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

   Illi in oltre, l-esponenti taqbel limitatament għat-talba sabiex il-partijiet jgħixu separatament iżda l-minuri għandhom jgħixu flimkien mal-esponenti u dan għall-aħjar interess tal-istess tlett ulied minuri;

   Għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għal ksur tal-ħajja miżżewġa huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom

jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u huwa r-rikorrenti li għandu jinstab ħati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempora ruħu mal-obbligi matrimonjali; u ukoll hu ħati ta' adulterju, kif ukoll ta' vjolenza, swat, theddid, inġurji, sevizzi u minaċċji, fost affarijiet oħra, li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti u t-tfal minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali diversi drabi għas-sigurtà tagħhom; u dan ai termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkontesta b'mod assolut it-tieni talba stante illi hija dejjem ħadet ħsieb għall-bżonnijiet tal-istess minuri li sal-lum dejjem għexu mal-esponenti ħlief għal perjodu ta' żmien meta kellha tirrikorri għar-refuġju ġewwa xelter għas-sigurtà tagħha. Illi mhux hekk biss, iżda wkoll illi ir-rikorrenti huwa persuna vjolenti u aggressiva fil-konfront tal-esponenti; liema abbuż ġie kommess fil-presenza tal-ulied minuri. Għalhekk, peress li l-esponenti hi l-aktar ġenitur idoneju sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-istess minuri, hija għandha tiġi f'data l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u li r-residenza primarja tal-minuri għandha tkun magħha;

3. In oltre, l-esponenti m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-konvenut rikonvenzjonanti ikollu aċċess għall-uliedu minuri kemm-il darba jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri u dan taħt il-modalitajiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti u dan tenut kont il-vjolenza komessa mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti fil-presenza tal-istess uliedu minuri, u anke l-fatt li r-rikorrenti kien u għadu qed jesponi lill-minuri għal terzi persuni li jkun f'relazzjoni magħhom;

4. Illi fir-rigward it-tielet talba, tenut kont is-suespost, l-esponenti terġa' tissotlinja l-fatt li r-residenza primarja għandha tkun magħha; b'aċċess favur il-missieri kif diġa ġie ddegretat minn din l-Onorabbli Qorti

diversament preseduta datata 3 ta' Jannar 2017 (Ara Dok A). Madankollu, fin-nuqqas ta' dan, l-esponenti tirrileva li għandha jkollha aċċess liberu, b'ħinijiet u ġranet fissi matul il-ġimgħa u sleepover fil-weekend; kif ukoll li jiġi regolat l-aċċess f'għeluq snin il-minuri, f'għeluq snin l-esponenti, fil-vaganzi tal-iskola, fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena, u fil-vaganzi pubbliċi u f'Jum l-Omm;

5. Tikkontesta b'mod assolut ir-raba, ħames u sitt talba stante illi hija dejjem ħadet ħsieb għall-bżonnijiet tal-minuri V  , An , u R aħwa A,u dan kif ser jirriżulta fit-trattazjoni tal-kawża. In fatti fil-preżent, ir-rikorrenti diġa ġie ordnat mill-Qorti permezz ta' digriet datat 3 ta' Jannar 2017 jgħaddi s-somma ta' €500 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni (ara Dok A) iżda sal-lum huwa qatt m'ottempera ruħu mal-imsemmi digriet. Għalhekk, ir-rikorrenti għandu jkun li jgħaddi manteniment fiss lill-esponenti għall-minuri kif ukoll li jgħaddi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri lill-esponenti;

6. Tikkontesta is-seba' talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbagħti xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut, u dan għaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawżi, il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati, fl-intier tagħhom jew parti minnhom, kontra l-konvenut rikonvenzjonanti;

7. Tiċħad bl-aktar mod kategoriku t-tmien talba stante illi kif ser jirrizulta mill-provi, ma kien hemm l-ebda kuntratt simulat u din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza sabiex tiddeciedi l-istess;

8. Tiċħad bl-aktar mod kategoriku id-disgħa talba stante illi kif ġie ben spjegat aktar ‘l fuq, l-esponenti għandha tirrisjedi flimkien mat-tlett ulied minuri ġewwa d-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut rikonvezjonanti u dan fl-aħjar interess tal-minuri kif ukoll stante illi l-konvenut huwa ħati tat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet;

9. Taqbel parzjalment mal-għaxar talba in kwantu għandha tiġi xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti iżda din għandha tinqasam mhux kif mitlub tenendo kont li huwa l-konvenut rikonvenzjonat li huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ kif premess u kif ser jiġi ppruvat tul il-kawża;

10. Taqbel parzjalment mal-ħdax-il talba iżda il-ġid komuni għandu jinqasam meta wieħed iqis il-fatt li huwa l-konvenut rikonvenzjonat li huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ kif premess u kif ser jiġi ppruvat tul il-kawża;

11. In kwantu għat-tnax-il talba, hija tiċħad illi hija għandha xi beni jew krediti parafernali al-konvenut rikonvenzjonat fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun il-konvenut rikonvezjonant li jipprova l-eżistenza ta’ tali beni u krediti parafernali; u jekk l-eżistenza ta’ tali assi parafernali tiġi ppruvata mir-rikorrenti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili;

12. Taqbel mat-tlettax-il talba tal-konvenut rikonvezjonant;

13. Illi l-esponenti topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna u tal-proċeduri ta'medjazzjoni.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti, inkluż tal-Ittri ta' Medjazzjoni, li hu nġunt minn issa għas-subbizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi, Rik. Nru 247/17, u ghalhekk il-provi prodotti huma applikabbli ghaz-zewg kawzi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi, u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li saru fil-kawza l-ohra huma applikabbli wkoll ghal din il-kawza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur.
2. Tilqa' l-ghaxar talba, u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti hekk kif deskritt fis-sentenza.
3. Tichad it-talbiet l-ohra.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**Imhallef**
**Onor Anthony G. Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**